MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 37/2006

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Hu u l-konvenuta li hija ta' nazzjonalita' Marokkina zzewwgu fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta fid 19 ta' Gunju 1999 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

Kienu biss jafu lil xulxin ghal xi tlett (3) xhur qabel ma zzewwgu u wara tlett (3) gimghat ta' zwieg martu abbandunat id-dar konjugali u ma regghetx irritornat.

Qabel ma telqet talbitu jiffirmalha sabiex tapplika ghall-cittadinanza Maltija u fic-cirkostanzi ma hemm ebda dubbju li hi uzatu biex tipprova tottjeni passaport Malti.

Illi ghalhekk qed jitlob l-annullament taz-zwieg tieghu minhabba ragunijiet indikati hawn fuq.

Bl-ispejjez.

U peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

U peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.
U peress li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U peress li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Tghid il-konvenuta il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f' Malta fid-19 ta' Gunju 1999 (DokA) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relativ.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-19 ta' Gunju 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-provi jirrizulta li fid-19 ta' Gunju 1999 l-attur izzewweg lill-konvenuta, mara ta' nazzjonalita' Marokkina, wara li kien ilu jafha tlett xhur, u fuq insistenza taghha sabiex din ma tigix imkeccija minn Malta stante li kienet ser tiskadilha l-Visa. Sussegwentement, fi kliem l-attur, "Mill-gurnata li zzewwigna beda l-glied". Huwa jghid li kienet tiggieled mieghu l-hin kollu u eventwalment wara circa tlett gimghat ta' konvivenza turbulenti, il-konvenuta "sparixxiet minghajr ma qaltli xejn" u ma halliet xejn warajha biex tindika fejn kienet sejra. Sussegwentement, circa hames snin wara ghal habta ta' Mejju 2004 il-konvenuta tfaccat quddiem ir-residenza ta' l-attur u talbitu biex jiffirmalha ghal passaport; izda l-attur irrifjuta, u l-konvenuta telqet u ma regghetx ghamlet kuntatt mieghu. L-attur jghid li l-partijiet "qatt ma kellna x' naqsmu flimkien sesswalment"; u di fatti minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.
Mill-kwadru premess jikkonfigura bla ebda dubju l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] fil-konfront tal-konvenuta. Jirrizulta car li din ghaddiet esternament minn cerimonja ta' zwieg civil ma' l-attur bl-uniku skop li tottjeni c-cittadinanza Maltija, u ma kellha ebda intenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali ma' l-attur. Il-komportament taghha,

mill-bidu nett taz-zwieg taghha, juri bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha hija internament u b’ att posittiv tal-volonta’ taghha, eskludiet l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta’ l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-Artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntrattat bejnu u bejn l-konvenuta fid-19 ta’ Gunju 1999, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------